

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL****tat-18 ta' Ġunju 2013**

**li taħtar żewġ membri Awstrijaċi u żewġ membri supplenti Awstrijaċi fil-Kumitat tar-Reġjuni**  
**(2013/300/UE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Gvern Awstrijak,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Diċembru 2009 u fit-18 ta' Jannar 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjonijiet 2009/1014/UE<sup>(1)</sup> u 2010/29/UE<sup>(2)</sup> li jaħtru l-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2010 sal-25 ta' Jannar 2015.
- (2) Konsegwentement għat-tmiem tal-mandat tas-Sur Gerhard DÖRFLER u tas-Sur Josef PÜHRINGER saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri fil-Kumitat tar-Reġjuni. Konsegwentement għat-tmiem tal-mandati tas-Sur Viktor SIGL u s-Sur Wolfgang WALDNER, saru vakanti s-siġġijiet ta' żewġ membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

**Artikolu 1**

Huma b'dan maħturin membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqja tal-mandat attwali, jiġifieri sal-25 ta' Jannar 2015:

(a) bħala membri:

- Dr Peter KAISER, *Landeshauptmann*
- Dr Michael STRUGL, MBA, *Landesrat*

u

(b) bħala membri supplenti:

- Is-Sur Herwig SEISER, *Landtagsabgeordneter*
- Is-Sur Viktor SIGL, *Landtagspräsident*.

**Artikolu 2**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, it-18 ta' Ġunju 2013.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

P. HOGAN

<sup>(1)</sup> ĠU L 348, 29.12.2009, p. 22.

<sup>(2)</sup> ĠU L 12, 19.1.2010, p. 11.